MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1212/1990/1

**Joseph Pitrè**

**v.**

**George Vassallo bħala prokuratur speċjali ta' Nicola Vultaggio**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet fuq

imsemmija meta t-talba attrici giet michuda bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-attur billi dik il-Qorti rriteniet li l-attur ma seħħlux li jagħmel il-prova tal-premessi li fuqhom hija mibnija t-talba tiegħu. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab għax qiegħed igħid illi l-konvenut ma wettaqx sew mandat li ngħatalu.**

**"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien qabbad lill-konvenut jikseb kwantità ta' rħam mill-Italja biex tkun konsenjata lil klijent tal-attur f'Malta. Il-ftehim kien illi l-irħam kellu jkun ta' kwalità tajba. Meta l-irħam inġieb Malta u kien konsenjat lill-klijenti tal-attur, il-konvenut assigura lill-attur illi l-kwalità kienet tajba u għalhekk l-attur kellu jħallas lis-soċjetà taljana li mingħandha kien inxtara l-irħam, u l-attur ħallas minnufih.**

**"Meta iżda l-irħam inħatt għand il-klijent tal-attur, instab illi parti sew minnu ma kinitx ta' kwalità tajba kif miftiehem, u minħabba f'hekk l-attur ġarrab danni għax kellu jagħti lill-klijent tnaqqis ta' elfejn, seba' mija u dsatax-il lira (Lm2,719) fil-prezz.**

**"Għal dawn id-danni jaħti l-konvenut, illi ntrabat kemm-il darba li jagħmel tajjeb għal dan it-telf. Minkejja dan, il-konvenut baqa' ma ħallasx, u għalhekk l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallsu elfejn, seba' mija u dsatax-il lira (Lm2,719) bħala danni kif imfisser fuq, flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet legali.**

**"Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:**

**"1. it-talba tal-attur hija "infondata fil-fatt u fid-dritt";**

**"2. ma kien hemm ebda relazzjoni diretta bejn l-attur u l-konvenut biex inkiseb l-irħam, u għalhekk il-**

**konvenut ma jweġibx għall-merkanzija difettuża li l-attur igħid illi rċieva; u**

**“3. il-konvenut qatt ma wiegħed jew intrabat li jħallas xi danni lill-attur iżda dejjem qal illi ma kellux x’jaqsam fin-negozju bejn l-attur u dawk li fornewh bl-irħam.**

**“B’digriet tas-16 ta’ Jannar 1991 inħatar assistent ġudizzjarju biex jiġbor ix-xhieda u b’dikriet ieħor tat-18 ta’ Novembru 1991 ħatret floku perit legali. Il-perit eventwalment irrelata fil-15 ta’ Frar 2006.**

**“Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk il-konvenut kellux jagħżel l-irħam skond l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilu mill-attur, u kienx għalhekk responsabbli għall-għażla, kif igħid l-attur, jew kellux biss iġorr lejn Malta l-irħam mixtri mill-attur direttament mingħand il-forrituri taljani, bla ma kellu ebda sehem fl-għażla tal-irħam, kif igħid il-konvenut stess.**

**“Il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi l-verżjoni tal-attur la hija msaħħa bi provi u lanqas ma hija verosimili. L-inqas li seta’ għamel l-attur kien illi jressaq biex jixhdu lid-diriġenti tad-dar taljana li mingħandha nxtara l-irħam, biex dawn igħidu ittrattawx ma’ l-attur jew mal-konvenut. Kien fuq l-attur – u mhux fuq il-konvenut, kif igħid, ħażin, l-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu – l-oneru tal-prova li n-negozjati kienu jsiru permezz tal-konvenut u mhux direttament bejn l-attur u l-fornitur taljan.**

**“Barra minn hekk, l-attur stess jistqarr illi l-konvenut kien jitħallas għat-trasport, u ma qalx ukoll, u wisq anqas ma ressaq xi prova, illi l-konvenut kien jitħallas għax-xogħol ta’ intermedjarju. Xejn ma hu probabbli illi l-konvenut kien sejjer jagħmel ix-xogħol li jagħżel u jfittex l-irħam, u jġorr ir-responsabbiltà tal-għażla, bla ħlas. L-argument tal-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu, illi l-fatt illi ċ-cheque għall-ħlas tal-fornitur kien jibagħtu lill-konvenut biex dan igħaddih lill-fornitur huwa prova li kien il-konvenut li**

**jinnegozja mal-fornitur, huwa argument dgħajjef u xejn konkluživ.**

**"Il-qorti għalhekk taqbel mal-perit legali illi aktar tista' toqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenut, li jgħid illi xogħlu kien biss li jġorr l-irħam mingħand min kien igħidlu l-attur sa Malta."**

**L-appell tal-attur**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-30 ta' Mejju, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija u filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Il-konvenut appellat ressaq risposta ghall-appell imsemmi fejn stqarr li s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u timmerita konferma u li ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm esposti, l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-attur qed ighid li huwa kien inkariga lill-konvenut Nicola Vultaggio biex jixtri ghan-nom tieghu kwantita` ta' irham ta' kwalita` tajba destinata ghall-klient tal-istess attur, liema konsenja rrizultat difettuza f'parti minnha u li bhala konsegwenza l-istess attur sofra danni billi kellu jirriduci l-prezz ossia jghati *discount* lid-destinatarju. Jidher ghalhekk li l-attur qed jagixxi a tenur tal-Artkolu 1874 tal-Kap. 16 li jiddisponi li l-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz (li mhux qed jigi allegat) izda wkoll ghal negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat. L-attur ighid ukoll li l-konvenut kien obbliga ruhu li jghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess attur.

Da parti tieghu l-konvenut jichad li huwa kellu tali mandat u jinsisti li l-kuntratt mieghu kien dak ta' *locatio operis* billi kien inkarigat biss sabiex igorr il-merkanzija mill-fornitur ghal ghand id-destinatarju u xejn aktar. Inoltre l-istess

konvenut jichad li hu qatt obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur.

L-ewwel Qorti, ezaminati l-atti, waslet ghal konkluzjoni, kif effettivament irritjena l-espert legali minnha nkarigat, li l-verzjoni tal-konvenut kienet aktar verosimili u li konsegwentement l-atturi ma setax jirnexxi fit-talba tieghu billi ma saritx il-prova tal-mandat allegat.

Fir-rikors tal-appell minnu pprezentat l-attur ressaq essenzjalment zewg aggravji kontra s-sentenza appellata billi qed jsostni li l-ewwel Qorti:-
a) ghamlet applikazzjoni erronja tar-regola li min jallega jrid jipprova, u

b) ibbazat id-decizjoni taghha fuq relazzjoni li apprezzat il-provi b'mod erronju, partikolarment b'apprezzament hazin fuq il-kwistjoni ta' verosimiljanza.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel Qorti kienet korretta meta, fil-konsiderazzjonijiet taghha, osservat illi "*il-kwistjoni essenzjalment hija jekk il-konvenut kellux jaghzel l-irham skond l-ispecifikazzjonijiet moghtija lilu mill-attur*" dan ghaliex jekk kellu jirrizulta li ma kien jezisti l-ebda mandat simili, l-azzjoni attrici qatt ma setghet tirnexxi.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-attur la hija msahha bi provi u lanqas ma hija verosimili, u dan kif ukoll gie ritenut mill-espert legali inkarigat. Biss dik il-Qorti ghamlet ukoll xi osservazzjonijiet ohra, ferm validi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fis-sens li l-attur naqas li jressaq ix-xiehda tad-dirigenti tas-socjeta` fornitrici biex dawn ighidu ma' min saru t-trattativi; osservat ukoll li *ex admissis* l-attur kien ser ihallas lill-konvenut tal-garr tal-mercja u ma kienx mahsub xi kumpens ghall-ghazla tal-irham.

Issa hu risaput li l-mandat hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha. Din is-setgha tista` tinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm u sahansitra anke tacitament. Izda

dan il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax l-mandat. L-attur ighid li hu ta dan il-mandat lill-konvenut pero` imkien ma jirrizulta li l-istess konvenut accetta tali nkarigu – anzi l-konvenut jichad bil-qawwa kollha li kien inghata dan l-inkarigu. Biex l-attur seta' jagixxi a tenur tal-Artikolu 1874 tal-Kap. 16 kien jispetta lilu li fl-ewwel lok jipprova li kien jezisti mandat validu u cioe` li, mhux biss li huwa inkariga lill-konvenut kif inghad fuq, izda li l-istess konvenut accetta dan l-inkarigu ma liema accettazzjoni kienu jiskattaw l-obbligi tal-istess konvenut a tenur tal-ligi. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-konvenut meta stqarr li l-attur kien tela Sqallija u kkomunika direttament mad-dirigenti tas-socjeta` fornitrici qabel ma saret l-ordni. Tosserva wkoll li l-attur ma gab ebda prova dwar il-kapacita` tal-istess konvenut biex jezamina u japprova l-mercja qabel ma tittiehed mill-fabbrika tas-socjeta` fornitrici. Irrizulta biss li kemm-il darba l-konvenut kien agixxa bhala trasportatur tal-mercja ordnata mill-attur, u li qatt qabel ma kellu xi inkarigu specifiku kif qed jigi allegat f'dawn il-proceduri. Kien ghalhekk jispetta lill-attur li jipprova l-mandat minnu allegat b'mod konvincenti – haga li naqas jaghmel. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti tosserva li hawn l-attur qed jistiedinha sabiex taghmel apprezzament gdid tal-provi prodotti. Tosserva fir-rigward li, kif gie ritenut diversi drabi, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma ssibx raguni gravi biex taghmel dan.

Issa minn ezami tal-atti processwali, u senjatament mir-rapport tal-espert legali inkarigat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti li tista' twassalha tbiddel l-apprezzament ta' dik il-Qorti. Jidher li fir-rapport tal-espert, li fuqu, in parti, strahet l-ewwel Qorti, hemm mhux biss riprodotti il-verzjonijiet tal-partijiet dwar dak li sehh bejniethom, izda hemm ukoll ezami dettaljat tal-fatti tal-kaz kif ukoll tal-principji legali nvoluti. Fic-cirkostanzi taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti u tiddikjara dan l-aggravju bhla mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------